# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu 2019**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Guramentat Numru : 40/2019/LSO**

**Maria Giovanna Massa (karta tal-identita' bin-numru 276236M)**

**vs**

**Joseph Massa (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 226063M) u ghall-interess illi jista' jkollha martu Romina Fenech Massa (detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0010075M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Maria Giovanna Massa (karta tal-identita' bin-numru 276236M) datat 17 ta’ Jannar 2019 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-

Illi l-esponenti hija propjetatarja ta' nofs indiviz u uzufruttwarja tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond ossia d-dar bin-numru erbgha u disghin (94) Triq San Lazzru, Cospicua;

Illi permezz ta' skrittura privata datata s-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) (hawn annessa u mmarkata 'Dok. A') l-esponenti tat permess lill-intimat Joseph Massa li jokkupa l-fond numru 94, Triq San Lazzru, Cospicua gratwitament u bla ebda titolu, b'mera tolleranza, ghall-perijodu ta' sena mid-data tal-istess skrittura;

Illi minkejja li ghaddiet sena mis-26 ta' April 2017 u minkejja li b'ittra ufficjali numru 3463/2018 datata tmintax (18) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) (hawn annessa u mmarkata 'Dok. B') l-esponenti interpellat lill-intimat biex fi zmien xahar mid-data tal-ittra jizgombra mill-fond fuq imsemmi, hu baqa' inadempjenti u hu u martu l-intimata baqghu jokkupaw l-imsemmi fond kontra r-rieda tal-esponenti u minghajr titolu;

Illi r-rikorrenti ghandha interess illi tiehu lura l-fond u li l-intimati jigu zgumbrati mill-istess fond, u ghalhekk qed tipprocedi b'dina l-kawza;

Illi l-esponenti taf bil-fatti fuq imsemmija personalment u sa fejn taf hi l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'din il-kawza;

Illi l-esponenti qed tipprezenta affidavit taghha hawn anness u mmarkat 'Dok C';

Illi peress li jirrikorru l-elementi mehtiega *ai termini* ta' l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12, l-istanti titlob li din il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smigh;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tordna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-fond numru 94, Triq San Lazzru, Cospicua u dan *entro* terminu qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, wara li tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-intimati qeghdin jokkupaw il-fond 94, Triq San Lazzru, Cospicua minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 3463/2018 ipprezentata fit-tmintax (18) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) kontra l-intimati li minn issa huma ingunti biex jidhru in subizzjoni.

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Frar 2019 fid-9:30am, b' ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-guranta u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u in-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti.

Dr Edward Gatt ghall-intimati prezenti, prezenta nota ta' ammissjoni.

L-avukati u l-partijiet prezenti ddikkjaraw li hemm qbil *li ai fini* tat-tieni talba ghandu jigi prefiss terminu ta' tliet (3) xhur mil-lum ghall-izgumbrament mill-fond.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-ammissjoni tal-intimati.

Rat l-artikoli 167 *et sequens* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Billi tqis li t-talbiet huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt *stante* l-ammissjoni tal-intimati;

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-intimati qeghdin jokkupaw il-fond in mertu minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti, u ghal fini tat-tieni talba tordna lill-intimati sabiex jizgumbraw mill-fond imsemmi fi zmien perentorju ta' tliet xhur mil-lum.

L-ispejjez kif mitluba jithallsu mill-intimati.

**Deciza.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Marzu 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu 2019**